**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2019 — Clem & Jo Optique vs EUIPO — C&A (C&J)**

**(Kawża T-125/19)**

(2019/C 148/52)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Clem & Jo Optique SARL (Cormicy, Franza) (rappreżentant: N. Hausmann, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* C&A AG (Zug, l-Isvizzera)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea C&J — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 912 041

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Diċembru 2018 fil-Każ R 1252/2018-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

**Motiv invokat**

— Il-kumpannija rikorrenti ssostni l-assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks C & A u C & J.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2019– Krajowa Izba Gospodarcza Chłodnictwa i Klimatyzacji vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-126/19)**

(2019/C 148/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Krajowa Izba Gospodarcza Chłodnictwa i Klimatyzacji (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: A. Galos, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra, li jikkostitwixxi l-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata, u konsegwentement tiddikjara li d-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata f’dan ir-rigward;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-Artikolu 277 TFUE u fil-kuntest tiegħu r-rikorrenti tinvoka l-invalidità tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006, li jifforma l-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tibbaża s-sistema tal-allokazzjoni tal-kwoti fuq valuri ta’ referenza li jirriżultaw minn data tal-passat fir-rigward tal-gassijiet F imqiegħda fis-suq mill-2009 sal-2012, minħabba li dan jikkostitwixxi qsim diskriminatorju u arbitrarju tal-impriżi skont l-attività tagħhom fil-passat fis-suq tal-gassijiet, u għaldaqstant ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata f’dan ir-rigward.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u ksur tat-Trattat peress li ngħataw raġunijiet inadegwati għall-introduzzjoni tas-sistema tat-tqassim tal-impriżi attivi fis-suq tal-gassijiet F abbażi tal-valuri għall-gassijiet F imqiegħda fil-passat fis-suq mill-2009 sal-2012, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Frar 2019 — Oosterbosch vs Il-Parlament**

**(Kawża T-131/19)**

(2019/C 148/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Marc Oosterbosch (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;